MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 27

It-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Carmelo Abela ppreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Chris Fearne kien skużat.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 26 li saret fil-21 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3248 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 466 Lista ta' skemi u inizjattivi maħruġa mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4043;

P.L. 467 Lista tas-servizzi offruti minn Aġenzija Sapport u lista ta' ftehimiet ta' sħubija soċjali public social partnerships) li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat għandu ma' fondazzjonijiet u għaqdiet fis-settur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4045;

f'isem il-Prim Ministru qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 468 Dokument bl-isem *It-Twettiq tal-Baġit – 2026*, maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4074; u

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 469 Tabella li turi l-għadd u t-tip ta' annimali maqtula fl-irziezet (on-farm slaughter) għas-snin bejn l-2015 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3844.

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 470 Tabella li turi l-għadd ta' liċenzji ġodda għall-kaċċa maħruġa kull xahar bejn Frar u Mejju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 299.

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 471 Tabella li turi d-domanda u l-kapaċità residwa tal-elettriku għas-sajf 2026, maqsuma skont id-diversi sorsi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2531; u

P.L. 472 Stqarrija mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u mill-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (PR 261635) datata 5 ta' Ottubru 2026 bl-isem *Inawgurat Ġnien it-Tbissim mal-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3843.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 473 Avviż Legali Nru 301 tal-2026 – Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 474 Tabella li turi n-numru ta' studenti rreġistrati fl-ITS Għawdex maqsuma skont il-kors għas-snin bejn l-2020/21 u l-2026/27, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3176.

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 475 Avviż Legali Nru 302 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Applikazzjoni ta' Pedaġġi u Tariffi għall-Utent għal Vetturi; u

P.L. 476 Avviż Legali Nru 303 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Mikromobilità.

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 477 Tagħrif dwar il-valur totali tal-multi jew pieni relatati ma' storbju eċċessiv, imġiba anti-soċjali jew ksur tal-ordni pubblika fis-Swieqi, San Ġiljan u Tas-Sliema għas-snin bejn l-2024 u l-2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3492.

PUNTI MQAJMA MINN MEMBRI TAL-KAMRA

L-Onor. Rebekah Borg talbet direzzjoni mis-Sedja dwar il-fatt li l-Prim Ministru għall-mistoqsija tagħha 4037 wieġeb illi l-mistoqsija għandha ssir lill-Ministru kkonċernat, iżda meta l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u l-Artijiet kien qed iwieġeb mistoqsijiet parlamentari fis-seduta tal-Erbgħa, 21 ta' Settembru 2026 f'isem il-Prim Ministru, huwa wieġeb dwar aspetti wiesgħa tal-ħidma tal-Gvern.

L-Onor. Ian Vassallo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja dwar il-fatt illi d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa kien naqas milli jwieġeb diversi mistoqsijiet parlamentari li kienu sarulu.

Is-Sedja ħadet nota tal-punti mqajma mill-Onor. Membri u qalet li kienet se tagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

MOZZJONIJIET

MOZZJONI ILLI L-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2027 – MOZZJONI 67

L-Ispeaker informa lill-Kamra illi skont ftehim milħuq, id-diskors tal-Budget kien ser jixxandar bil-lingwa tas-sinjali, u stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu b'mod dirett fuq it-televiżjoni d-diskors tal-Baġit.

Skont l-istess ftehim membri tal-media ngħataw permess sabiex jiġbdu ritratti u filmati għal ftit minuti.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Kopji tad-*Diskors tal-Baġit 2027*, id-*Draft Financial Estimates 2027* u l-*Economic Survey 2026* tqassmu lill-Onorevoli Membri.

Fis-6.36 p.m. is-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Skont il-Mozzjoni 66 tal-20 ta' Ottubru 2026 id-diskors kollu tal-Baġit kien eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi (OP 49) u mill-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol (OP 9).

L-Ispeaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta li ġie mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Finanzi:

MYRIAM SPITERI DEBONO
PRESIDENT TA' MALTA

> Il-President tirrakkomanda lill-Kamra tad-Deputati n-nefqa mill-Fond Konsolidat ta' somma ta' mhux aktar minn tmien biljuni, erba' mija u ħamsa u sebgħin miljun, tmien mija u tlieta u tletin elf, u ħames Euro (€8,475,833,005) kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali għas-sena 2027.
>
> Il-President tirrakkomanda wkoll l-Att ta' Approprjazzjoni meħtieġ.
>
> 26 ta' Ottubru 2026

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona:

Illi l-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

It-tabelli li ġejjin, li kienu jidhru fid-*Diskors tal-Budget 2027*, kienu meħuda bħala moqrija u kellhom ikunu ppubblikati fid-dibattiti tal-Kamra:

Tabella 5.1	-	Il-Qagħda Fiskali 2025-2026;
Tabella 5.2	-	Il-Qagħda Fiskali 2025-2029;
Tabella 5.3		Il-Bilanċ tad-Dejn tal-Gvern;
STATEMENT A	-	Dħul 2026: Estimu Rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat;
STATEMENT B	-	Nefqa Rikorrenti 2026: Estimu rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat; u
STATEMENT Ċ	-	Nefqa Kapitali 2026: Estimu rivedut imqabbel mal-Estimu Approvat.

Fit-8.16 p.m. il-Ministru għall-Finanzi temm jaqra d-Dikjarazzjoni Finanzjarja.

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ministru għall-Finanzi għad-diskors tiegħu, u rringrazzja wkoll lill-impjegati tal-PBS u talabhom jirtiraw.

Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 478	*Diskors tal-Budget 2027*;
P.L. 479	*Financial Estimates (Draft) 2027*;
P.L. 480	*Economic Survey 2026*;
P.L. 481	Proklama Nru VI tal-2026 dwar l-Abbozz ta' Liġi biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2027 u miżuri amministrattivi oħra;
P.L. 482	Draft ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jimplimenta Miżuri tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2027 u miżuri amministrattivi oħra"; u
P.L. 483	Stqarrija mill-Prim Ministru u mill-Ministru għall-Finanzi skont l-artikolu 17(1) tal-Att dwar ir-Responsabilità Fiskali, Kap. 534, datata 26 ta' Ottubru 2026.

ABBOZZ TA' LIĠI LI JIMPLIMENTA L-MIŻURI TAL-ESTIMI – MOZZJONI 68

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2027 u Miżuri Amministrattivi oħra" inqara l-ewwel darba.

AĠĠORNAMENT

Fit-8.19 p.m. il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2026, fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

Mozzjonijiet

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Logħob.

Ordnijiet tal-Ġurnata

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi	Tielet Qari
Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal taʼ Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet Dwar it-Traffikar ta' Persuni	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi dwar l-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur Upstream taż-Żejt u l-Gass (Miżuri taʼ Infurzar)	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji li għandhom x'jaqsmu mas-Servizzi Finanzjarji	Tieni Qari
Estimi taʼ Dħul u Nfiq taʼ Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026	Votazzjoni

---

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ma tteħidx skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 66 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Fit-8.20 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2026, fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER